ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 07** **It-TLIETA, 3 ta' DIĊEMBRU 2019**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 3 ta'Diċembru 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Donnha Barbara (Kunsillier),
Ralph Puli (Kunsillier)
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Sean Apap Meli (Kunsillier),
George Muscat (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Martina Grech (Kunsillier)

**ASSENTI**

Josef Masini Vento (Viċi Sindku)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**07/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**07/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta' apoloġija preżentata mill-kunsillier Martina Grech.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittra ta' apoloġija.

**07/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 06**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas- Seduta Nru. 06 li nżammet nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab korrezzjoni tal-Minuti.
Il-**Kunsillier Ralph Puli** ppropona li l-Minuti jiġu approvati bil-korrezzjonijiet.

Il-**Kunsillier Marvin Zammit** talab li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa, jerġgħu jitbagħtu lill-membri u jiġu approvati fis-Seduta li jmiss ~~b'mod immedjat sabiex ikun possibli li jiġu approvati l-Minuti~~, minħabba l-ammont ta' tibdil li qed jintalab.

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona li jitkompla x-xogħol fuq l-Aġenda, bil-Minuti tal-Laqgħa Nru 6 jiġu korretti u approvati fis-Seduta li jmiss. Is-**Sindku Renald Falzon** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (9**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**07/03 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**07/03/01** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nbeda x-xogħol ta' resurfacing fi Triq is-Santwarju tal-Ħlas u Sqaq tal-Ħlas, liema xogħol qed isir minn Infrastructure Malta.

**07/03/02** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li se jinħarġu t-tenders għal xogħol ta' restawr fuq l-iStatwa ta' San Ġorġ li tinsab fi Triq il-Ħelsien u l-iStatwa ta' San Ġużepp li tinsab fi Triq il-Vitorja.

**07/03/03** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-ikla tal-Milied se tinżamm nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar fi stabbiliment fl-Imġarr.

**07/03/04** **Il-Kunsillier Donnha Barbara talbet li toħroġ mil-laqgħa.**

**07/02/05** **Is-Sindku Renald Falzon** ippreżenza stima għal xogħol ta' manutenzjoni quddiem farm fi Triq ix-Xitwa. Is-Sindku ta spjega tad-diffikultajiet li qed ikollhom ir-residenti li jgħixu f'dan il-farm u ta spjega tax-xogħol li mistenni jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xogħol bi spejjeż tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara ntalbet terġa' tidħol għal-laqgħa.**

**07/04 MOZZJONIJIET**

**07/04/01 Mozzjoni Nru 30 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

*Billi bħala Kunsill Lokali aħna kommessi li naħdmu għall-benesseri tar-residenti kollha.*

*Billi l-Kunsill Lokali għandu rwol ċentrali biex jeduka, jżid l-għarfien u jqajjem kuxjenza f'diversi oqsma, inkluż il-qasam tas-saħħa. Il-Gvern Lokali għandu jara li l-kwalità tal-ħajja tar-residenti Qriema tkun dejjem aħjar.*

*April huwa x-xahar iddedikat biex titqajjem kuxjenza dwar l-irritable bowel syndrome. Għaldaqstant qed nipproponi li:*

*1. Għal tal-inqas ġimgħa matul ix-xahar ta' April 2020, il-gallarija tal-Kunsill Lokali tinxtegħel bil-kulur assoċjat ma' dan is-sindromu.*

*2. Tiġi organizzata attività bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar l-irritable bowel syndrome bis-sehem ta' esperti u persuni oħrajn.*

*B'dan il-mod inkunu wkoll qed nagħtu eżempju sabiex anke Kunsilli Lokali oħrajn jagħmlu attivitajiet simili ħalli titqajjem aktar kuxjenza dwar l-irritable bowel syndrome*.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschier**i ssekonda l-Mozzjoni.

**Il-Kunsillier George Muscat** ġibed l-attenzjoni u qal li huwa mportatni li l-membri jattendu għal dawn l-attivitajiet u kull wieħed u waħda minnhom jagħmel promotion u jħeġġeġ lir-residenti jattendu, għaliex dawn huwa attivajiet validi u minħabba bosta fatturi qed jintilfu.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (9**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**07/04/02 Mozzjoni Nru 31 imressqa mill-Kunsillier George Muscat**

*Inħass il-bżonn minn diversi Qriema kif ukoll barranin li jgħixu ġewwa Ħal Qormi sabiex ikollna nstallati 'Bicycles Parkining Stands' madwar ir-raħal jew fejn wieħed iħoss li fejn hemm l-aktar bżonn li jiġu nstallati.*

*Din hija inzjattiva importanti u ferm interessanti anki sabiex inkomplu nsaħħu u nnaqqsu l-vetturi u ninkuraġġixxu aktar nies jużaw ir-rota. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jidentifika zoni fejn dawn jistgħu isiru u jinġabru stimi sabiex jiġu diskussi u approvati mill-Kunsill.*

Il-**Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-Mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (9**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**07/04/03** **Mozzjoni Nru 32 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

*Nipproponi li wara li ghamlet ix-xita qalila fil-gimghat li ghaddew u qed tkun ta' diffikulta sabiex wiehed jaqsam it-triq u specjalment tfal ghall-iskola.*

*Nipproponi li jsir culvert sabiex jghaqqad u jaqbad l-ilma minn Valletta Road, dirett ghal wied.*

*Nipproponi wkoll li Valletta Road hdejn l-ghelieqi fin-naha ta' bejn il-wied u l-istess triq, issir bankina bejn il-hajt tas-sejjieh u l-karozza sabiex persuni jghaddu minn fuqha u mhux bejn il-karozzi. Dan aktar isir ga la darba se titwessa triq.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill qabel li jsir studju sabiex tiġi evalwata l-possibilta' li jsir culvert u bankina.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (9**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**07/04/04** **Mozzjoni Nru 33 imressqa mill-Kunsillier George Muscat**

*Jinħass il-bżonn li ġewwa l-Kunsill Lokali jibda jkun hemm Security fil-Customer Care area. Il-preżenza tiegħu tgħin lill-pubbliku in ġenerali jżommu l-kwiet u l-ordni u rispett lejn il-ħaddiema tagħna. Mhux permessibbli li ċittadin jidħol il-Kunsill Lokali u jużа kliem dispreġġattiv lejn il-ħaddiema tagħna kif ukoll arroganza u arja żejda mingħajr rispett lejhom.*

*Dawn il-ħaddiema mhux xogħolhom li jagħmluha ta' 'Security Guards'*.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

Saret diskussjoni mill-membri preżenti u ġie maqbul li jitqabbad Health & Safety Officer sabiex jiġu diskussi l-mezzi ta' sigurta' preżenti u x'jista' jsir sabiex l-impjegati tal-Kunsill iħossuhom aktar siguri. Dan għaliex il-Kunsill għandu għal qalbu l-benessere tal-impjegati tiegħu.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (9**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**07/05 PERFORMANCE APPRAISAL TAL-ĦADDIEMA ASSENJATI MAL-KUNSILL**

**07/05/01** **Is-Sindku Renald Falzon** poġġa fuq il-mejda korrispondenza mgħoddija mill-CWSEF sabiex il-Kunsill japprova l-performance bonus tal-ħaddiema assenjati miegħu.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa min ikun responsabbli li jagħmel l-performance appraisal ta' dawn il-ħaddiema. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dejjem kienet responsabbilta' tas-Segretarju Eżekuttiv li jimla dan il-Performance Appraisal u din is-sena ntużat l-istess proċedura. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Performance Appraisal sar b'mod kuxjenzjuż sabiex kulħadd jieħu li ħaqqu.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li jingħata l-performance bonus lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**07/06 TENDERS**

**Is-Sindku Renald Falzon** poġġa fuq il-mejda 'Tender Evaluation Reports' għal ' Provision for the Services of a Data Protection Officer' u 'Road Repairs & Major patching of access and access only roads and ancillary works'.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu r-rakkomandazzjonijiet tal-Evaluation Board, skont iż-żewġ rapport mressqa.

**07/07 Korrispondenza**

**07/07/01 Talba għar-rimborż – Xogħlijiet ta' pajpijiet fi Triq ix-Xitwa Ħal Qormi**

Il-Kunsill m'approvax din it-talba.

**07/07/02 Talba għal Rimborż – Ħsarat minħabba ħofra fi Triq il-Mitħna**

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba fejn intqal li minħabba li l-ħofra kienet f'pożizzjoni li ma setgħetx tiġi evitata, din it-talba hija ġustifikata u għaldaqstant għandu jingħata s-somma ta' €100.

**07/07/03 Talba għal Rimborż – Ħsarat fi Triq is-Santwarju tal-Ħlas**

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba fejn intqal li t-triq tidher li mhux aċċessibli u s-sewwieq kellu joqgħod aktar attent kif isuq f'din iz-zona. Dan minbarra l-fatt li skont ir-rapport tal-Pulizija dan l-inċident seħħ fid-dawl tax-xemx, għaldaqstant l-istat tat-triq kien viżibbli għas- sewwieq. **Il-Kunsill ma laqax din it-talba.**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit,** ippropona li tinħadem policy fir-rigward ta' dawn it-talbiet, għaliex mhux sew li l-Kunsill qed jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li qed jitressqu għall-attenzjoni tal-membri. Dan minbarra l-fatt li l-unika prova li qed titressaq hija rapport tal-Pulizija.

**07/07/04 Nicca ma' propjeta' privata fi Triq il-Mitħna**

Il-Kunsill iddiskuta l-korrispondenza ppreżentata mir-residenti rigward in-niċċa li kien hemm fi Triq il-Mitħna ma propjeta' privata u ġie maqbul li titressaq korrispondenza għall-attenzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex l-istatwa terġa' titpoġġa mal-faċċata kif inhu stipulat fil-permess maħruġ mill-istess awtorita'.

## 07/08 ĦWEJJEĠ OĦRA

### 07/08/01 Żieda sostanzjali ta' Reserved parking Bays

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li fi Triq San Bastjan saret ir-raba' Reserved Parking Bay. Il-Kunsillier Marvin Zammit infurma li ġara l-istess fi Triq Antonio Muscat Fenech u Triq il-Ġnien. Is-Sindku Renald Falzon ġibed l-attenzjoni li dawn ir-Reserved Bays jiġu approvati minn Transport Malta u mhux mill-Kunsill Lokali.

### 07/08/02 Traffic Management fi Triq Aloisio

Il-Kunsillier George Muscat talab li Triq Aloisio 'l parti li tagħti għal Triq il-Wied tiġi No Entry. Is-Sindku qal li huwa mportanti li jsir pjan holisitiku sħiħ għaliex jekk din it-triq issir No Entry se taffettwa bosta residenti.

## 07/09 Skeda ta' Pagamenti

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2019.

## 07/10 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 6 ta' Jannar 2020 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| --- | --- |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum 6 ta' Jannar 2020.